**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**It-12-il Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tlieta 21 ta' Jannar 2014 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Sejħiet għal Diversi Offerti maħruġa mill-Kunsill Lokali**
4. ***Post-Mortem* dwar Attivitajiet għal Żmien il-Milied**
5. **Aġġornament dwar Jum Il-Qrendi 2014**
6. ***Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv, Assistent Prinċipal u Skrivana tal-Kunsill Lokali**
7. **Laqgħa tal-Lokalita' 2014**
8. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
9. **Finanzi**
10. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-12-il Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 17 ta' Diċembru 2013 fil-5:30pm ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatriċi | Kimberly D'Amato |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tal-11-il Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 33/2013, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 33/2013 – Nfiq tal-Kunsilli Lokali.**

2.2 Inqrat Memo 34/2013, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 34/2013 – Sejħiet għall-Offerti/Kuntratt dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq.**

2.3 Inqrat Memo 01/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Għeluq tas-Sena Finanzjarja.**

2.4 Inqrat Memo 02/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Applowdjar ta' Dokumenti fuq is-Sit www.lc.gov.mt.**

2.5 Inqrat Memo 03/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kuntratti u/jew Sejħiet għall-Offerti tal-Kunsilli Lokali dwar Skart.**

2.5.1 Is-Sindku David Schembri qal li wasal iż-żmien li terġa' tinħareġ is-sejħa għall-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku.

2.5.2 Żied li bħala Kunsill Lokali trid tittieħed deċiżjoni dwar meta se jkunu l-ġranet li jinġabar l-iskart domestiku bieb bieb.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.5.3 Spjega kif se jkun hemm kampanja edukattiva min-naħa ta' GreenPAK Ltd., mar-residenti Qrendin sabiex dawn jifhmu għaliex l-iskart domestiku qiegħed jinġabar fi ġranet partikolari u mhux kuljum.

2.5.4 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* mal-prinċipju li nhar ta' Tlieta jibda jsir il-ġbir biss tal-iskart separat, u l-iskart domestiku jinġabar it-Tnejn u mill-Erbgħa sas-Sibt.

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ħlas ta' Tipping Fees.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Consultation on INTERREG EUROPE and SEA.***

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Lecture pubbliku dwar Strumenti Mużikali Tradizzjonali Maltin – *University of Malta, Cottonera Resource Centre.***

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kunċert Celebration, nhar il-Ħadd 29 ta' Diċembru 2013 fis-7:30pm.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Financial Allocation 2014.***

2.10.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali jrid ikun viġilanti ħafna fejn tidħol in-nefqa minħabba li wasalna fl-aħħar fażi qabel tinħareġ is-sejħa għall-offerti sabiex jinbena l-uffiċċju amministrattiv ġdid tal-Kunsill Lokali.

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kors fil-kitba bil-Malti.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Payscales 2014.***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Onorarja għas-Sena 2014.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Manuel Cachia Belli għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***2014 Salary Payscales & Closing Dates.***

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lorraine Nicole Vella għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kulturali 2013 – Festa Patata.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Konferenza tal-Aħbarijiet dwar ir-Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali – 1 ta' Frar 2014.**

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Quinton Scerri, Kordinatur Ministerjali fil-Ministeru għat-Turiżmu, bit-titlu ***Tourism Zones Committees – Meeting.***

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Reġistratur tat-Tribunal tar-Reġjun ta' Nofsinhar, bit-titlu **Reġjun Nofsinhar Seminar għall-Impjegati tal-Kunsill.**

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Bernardette Psaila, Kap taċ-Ċentri ta' matul il-Jum, bit-titlu ***Transport Agreement.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 2/2014 – Invit – Programm ta' Taħdidiet Edukattivi fuq is-Saħħa mid-Dipartiment għall-Kura Primarja tas-Saħħa.**

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu ***Personal Development Training Program* – URĠENTI.**

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu **Konferenza *MY EUROPE.***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jimmy Magro, *Special Advisor* tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu ***Bus Shelters – Qrendi.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Embellishment Projects – DNO or Full Permit.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.24.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jibbenefika minn allokazzjoni ta' €15,000 u din se tintuża' sabiex jiġu mnaddfa u msebbaħ żoni differenti fil-Qrendi.

2.24.2 Qal li qabel ikollna konferma 100% li se nieħdu dawn il-fondi hemm bżonn li jkollna ittra uffiċjali mingħand il-MEPA li m'hemmx bżonn ta' DNO jew permess sħiħ biex isir dan it-tisbiħ.

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terrence Camilleri, Segretarju Eżekuttiv tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Budget Forecast 2014 – M125.***

2.25.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali qiegħed jipproġetta lix-xogħol jitlesta sa Ġunju ta' din is-sena.

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Christine Camilleri, Segretarja tal-Kunsill tal-Volontarjat, bit-titlu **Laqgħat ġewwa l-Kunsilli Lokali.**

2.26.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li għandna naċċettaw din l-istedina.

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur John Zerafa, *Officer in Charge* fid-*Door Numbering Unit*, bit-titlu **Publikazzjoni ta' toroq mid-*Door Numbering Unit.***

2.27.1 Is-Sindku qal li hu tkellem mas-Sur John Zerafa speċjalment dwar Triq San Nikola minħabba li hemm numri ta' djar li huma l-istess fl-istess triq.

2.27.2 Żied li l-parir tas-Sur Zerafa kien li l-Kunsill Lokali jagħmel talba sabiex Triq San Nikola tinqasam fi tnejn, u jingħata isem ġdid lill-parti tal-pjazetta li hemm fi Triq San Nikola k/ma' Triq Misraħ is-Sinjura.

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Natalino Callus, uffiċjal fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bit-titlu ***Photo.***

2.28.1 Is-Sindku qal li kien hemm xi ħadd jew xi wħud li rrapurtaw lir-residenti li joqgħodu fir-residenza in kwistjoni fi Triq San Nikola, minħabba *bollard* li sar mal-faċċata ta' din ir-residenza.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.28.2 Żied li bħala Kunsill Lokali mhux qegħdin insibu oġġezzjoni li ssir din il-*bollard* jekk sakemm din ma tkunx maħruġa ħafna 'l barra fit-triq.

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Surġent Carolyn Marmara' Jacono bit-titlu ***Meeting with Drug Squad.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rita Law bit-titlu ***Directory of Organisations – FSWS.***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Alessandro Cristina mis-Sovratendenza tal-Wirt Kulturali, bit-titlu ***State of the Heritage Report (for calendar year 2013) – Data collector exercise.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Andrew Zahra, *Waste Separation Promoter* f'WasteServ Malta Ltd., bit-titlu ***WasteServ – Local Council Bulky Refuse Service.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mark Spiteri, *Project Coordinator* fl-Awtorita' Maltija għall-Komunikazzjoni, bit-titlu **Taħriġ fil-Kompjuters mill-MCA.**

2.33.1 Is-Sindku qal li dan il-kors huwa differenti minn dak li organizza l-Kunsill Lokali s-Sajf li għadda.

2.33.2 Spjega kif għal dan il-kors mhux se jkun hemm bżonn kompjuters u aktar huwa kors t'informazzjoni milli ta' tagħlim.

2.33.3 Żied lis-sessjonijiet jistgħu anke jsiru fis-sala tal-Kunsill Lokali ġaladarba mhux se jkun hemm użu tal-kompjuters.

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Anthony Bezzina, Perit tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, bit-titlu **Kuntratt għas-Servizzi ta' Perit.**

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Nicholas Agius, Kap taċ-Ċentru ta' Riżorsa Dun Manwel Attard, Il-Wardija, bit-titlu **Grazzi.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Caroline Micallef, mill-*Job Expo Team* ta-Ċentru ta' Riżorsa Dun Manwel Attard, Il-Wardija, bit-titlu ***Job Expo Schedule Jan-April 2014.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Data Analyst* ma' *GreenPAK Ltd.,* bit-titlu ***Treasures for Inspire Project – January 2014.***

2.37.1 Is-Sindku qali li bħala lokalita' kellna konkorrenza qawwija ħafna fiż-żewġ ġabriet li saru, kemm dik t'Ottubru 2013 kif ukoll dik ta' Jannar ta' din is-sena.

2.37.2 Qal li din il-ġabra se tibqa' miftuħa sa nhar is-Sibt 25 ta' Jannar 2014.

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Kumitat tal-EkoSkola fil-Kulleġġ San Injazju, Sekondarja tal-Bniet, Tal-Ħandaq, bit-titlu **Attivita' –** ***Arbor Day – St Ignatius College Girls' Secondary.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Manuel Zammit, Perit ma' Polidano Bros., bit-titlu **Xogħol ta' Manutenzjoni fi Triq Ħaġar Qim, quddiem Villa Saracena.**

2.39.1 Is-Sindku spjega kif se tiġi rranġata l-problema li hemm fi Triq Ħaġar Qim quddiem Villa Saracena minħabba li għadu qiegħed joqgħod ħafna ilma meta tagħmel ix-xita bil-qawwi.

2.39.2 Qal li kien hemm problema bejn is-sidien ta' Villa Saracena u s-sid ta' għalqa fuq in-naħa ta' wara tal-istess villa minħabba l-ilma tax-xita, u l-Kunsill Lokali se jagħmel dan l-intervent sabiex kollox jibqa' kif kien maħsub oriġinarjament, meta saru l-affarijiet snin twal ilu.

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Manuel Zammit, Perit ma' Polidano Bros., bit-titlu ***Litter Bins.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmelo Pace, Kap tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, bit-titlu ***Bollards.***

2.41.1 Is-Sindku qal li f'dan il-każ qegħdin nitkellmu dwar medda kbira ta' art,

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

dwar żewġ skejjel differenti, lit-tnejn li huma għandhom ir-realitjiet differenti tagħhom.

2.41.2 Qal li anke jekk kemm-il darba jsiru dawn il-*bollards*, dawn trid tieħu ħsiebhom l-iskola, u trid taħseb ukoll għal-loġistika kollha li jġibu magħhom.

2.41.3 Żied li xorta waħda wieħed irid joqgħod attent ħafna jekk kemm-il darba jsiru minħabba li l-lifters taċ-Ċentru ta' Riżorsa Helen Keller jidħlu fi Triq iż-Żgħożija sabiex iniżżlu u jtellgħu lill-istudenti, u għaldaqstant jekk se jsiru l-*bollards* se jkunu qegħdin itellfu l-ħidma ta' dan iċ-Ċentru.

2.41.4 Spjega kif xorta waħda bħala Kunsill Lokali rridu nistennew ittra uffiċjali mingħand is-Surmast tal-Iskola Primarja, bil-ħsieb fejn se jsiru dawn il-*bollards* kif ukoll bil-pjanti neċċessarji.

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rose Buttigieg bit-titlu **Attivitajiet tal-Milied.**

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anton Zammit bit-titlu ***Request for the removal of benches at Misraħ San Mattew, Qrendi.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Mifsud bit-titlu ***Yellow Lines*** **– Triq il-Kbira Qrendi.**

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Camilleri bit-titlu **Safar.**

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Duncan Mallia bit-titlu **Triq Nazzareno Sammut.**

## 3. SEJĦIET GĦAL DIVERSI OFFERTI MAĦRUĠA MILL-KUNSILL LOKALI

3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar is-sejħiet għall-offerti li għandu fil-

preżent il-Kunsill Lokali.

3.2 Is-sejħiet huma dawn li ġejjin:

3.2.1 1. Avviż Nru. QLC MW 49/14. Offerti għal xogħolijiet ta' manutenzjoni ta' bankini, ħitan u kanali fil-Qrendi.

3.2.2 2. Avviż Nru. QLC RRPW 49/14. Offerti għal *resurfacing* u tiswijiet estensivi ta' toroq fil-Qrendi.

3.2.3 3. Avviż Nru. QLC CMPG 49/14. Offerti għat-tindif u ż-żamma ta' ġonna pubbliċi.

3.2.4 4. Avviż Nru. QLC EAC 49/14. Offerti għat-tisbiħ ta' żona fi Triq Antonio Chircop, Il-Qrendi.

3.2.5 5. Avviż Nru. QLC OSM 49/14. Offerti għall-Providment, Installazzjoni u Kummissjoni ta' Sistema għal *Online Streaming* tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

3.2.6 Qal li s'issa jidher li hemm konkorrenza qawwija sabiex jinġabru d-dokumenti tat-tenders.

3.2.7 Spjega kif fid-dokumenti oriġinali kien hemm miktub lid-data tal-għeluq se tkun il-Ġimgħa 14 ta' Frar 2014 f'12pm, imma din id-data qed tiġi estiża għat-Tnejn 17 ta' Frar 2014 f'12pm minħabba lis-Sindku, Viċi-Sindku u Kunsillier se jkunu indisposti u għaldaqstant l-offerti ma jistgħux jinfetħu jekk ma jkunx hemm il-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv u żewġ Kunsillieri.

3.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar kuntratti li waslu biex jiskadu imma li jistgħu jerġgħu jiġu mġedda.

3.3.1 Qal li l-Perit Anthony Bezzina kif ukoll is-Sur Brian Borg aċċettaw li jġeddu l-kuntratti tagħhom mal-Kunsill Lokali, kemm fuq il-Perizija, kif ukoll fuq it-Tindif u ż-Żamma tal-Latrini Pubbliċi rispettivament.

3.3.2 Żied lis-Sur Anthony Zammit m'aċċettax li jiġi mġedded il-kuntratt tal-Knis u

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ż-Żamma tat-Toroq tal-Qrendi u għaldaqstant is-sejħa għall-offerti f'dan il-każ se terġa' tinħareġ.

3.4 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li jekk kemm-il darba se terġa' tinħareġ is-sejħa għat-tindif u knis tat-toroq tal-Qrendi, il-Kunsill Lokali messu jikkunsidra li l-knis ma jistax jibda qabel is-7am.

Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* ma' din il-proposta.

## 4. ***POST-MORTEM*** **DWAR ATTIVITAJIET GĦAL ŻMIEN IL-MILIED**

4.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li bħala l-ewwel esperjenza tal-attivitajiet kollha li l-Kunsill Lokali organizza fi żmien il-Milied, wieħed jista' jgħid li morna tajjeb.

4.2 Qal li l-attivita' Milied għall-Providenza kienet suċċess għalkemm wieħed irid jara fejn jista' jtejjeb jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jaħseb biex jerġa' jagħmel attivita' simili.

4.2.1 Żied li bħala Ħbieb tad-Dar tal-Providenza flimkien mal-Kunsill Lokali taw is-somma ta' €600 lil din id-Dar, somma li ngħatat fl-Ewwel tas-Sena meta ssir l-*Open Day* f'din id-Dar.

4.3 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna wkoll ittra ta' ringrazzjament min-naħa tal-istazzjon RTK li f'dawn iż-żminijiet jorganizza din l-*Open Day* bħala *RTK 4 Charity*.

4.4 Il-Viċi-Sindku tkellem ukoll dwar il-ħarġa li organizza l-Kunsill Lokali għal Għawdex fejn il-qofol intlaħaq f'Betlehem f'Għajnsielem.

4.4.1 Qal li għalkemm din il-ħarġa saret fix-xitwa n-nies xorta kkonkorrew bi ħġarhom u bħala attivita' kienet suċċess ieħor għall-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5. **AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI 2014**

5.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal lis-Sotto-Kumitat diġa' ltaqa' darbtejn u dan is-sotto-kumitat huwa ffurmat mis-Sindku David Schembri, l-Viċi-Sindku Charles Zerafa, s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon kif ukoll is-Sinjuri Joseph Cutajar u Maria Magro.

5.2 Qal li matul iż-żewġ laqgħat li saru ġie fformulat il-programm ta' attivitajiet għal Jum il-Qrendi 2014.

5.3 Jum il-Qrendi 2014 se jkun maqsum f'jumejn, is-Sibt 22 u l-Ħadd 23 ta' Frar.

5.3.1 Is-Sibt 22 ta' Frar se titella' serata fis-sala tal-Iskola Primarja tal-Qrendi u dakinhar se jkun qiegħed jingħata wkoll Ġieħ il-Qrendi 2014.

5.3.2 Spjega kif is-serata tas-Sibt mistennija ddum bejn siegħa u nofs u sagħtejn.

5.3.3 Il-Viċi-Sindku żied li qegħdin nistennew risposta mingħand grupp mużikali u se jkun hemm żewġ taħdidiet ta' għoxrin minuta l-waħda mis-sinjuri David Frank Bugeja u Tony Terribile.

5.4 Barraminnhekk se tkun qiegħda titella' esebizzjoni ta' diversi xogħolijiet, fejn s'issa diġa' għandna konferma mingħand sitt artisti li jixtiequ li jieħdu sehem u se jkunu qegħdin jesebixxu x-xogħolijiet tagħhom.

5.4.1 Il-Viċi-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali se nkunu qegħdin nippruvaw ukoll indaħħlu lil dawk in-nies li bħalissa qegħdin jattendu għal xi kors li qiegħed itella' l-Kunsill.

5.4.2 Spjega kif din il-wirja se tkun qiegħda tinfetaħ l-Erbgħa 19 ta' Frar u tibqa' miftuħa sal-Ħadd 23 ta' Frar. Qal li matul il-ġimgħa l-wirja tkun miftuħa wara nofsinhar filwaqt li l-Ħadd se tkun miftuħa sa nofsinhar.

5.5 Żied ukoll li l-ħsieb tal-Kunsill Lokali hu li l-Ħadd il-quddiesa tal-għaxra ssir fil-bitħa tal-iskola, imma dwar dan għadna rridu nitkellmu mal-Kappillan, imbagħad wara jsir korteo u tqegħid ta' bukketti ta' rand/fjuri f'riġlejn il-Monument tal-Gwerra.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.6 Fl-aħħarnett il-Viċi-Sindku qal li s-sotto-kumitat ta' Jum il-Qrendin 2014 se jkun qiegħed jevalwa n-nomini li jidħlu mbagħad jagħmel is-sottomissjoni tiegħu lill-Kunsill Lokali sabiex tiġi approvata unanimament f'laqgħa tal-Kunsill Lokali.

## 6. *PERFORMANCE BONUS* TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV, ASSISTENT PRINĊIPAL U SKIRVANA TAL-KUNSILL LOKALI

6.1 Is-Sindku David Schembri qal li bħalma jiġri f'kull sena, f'Jannar, tkun diskussa u evalwata l-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-impjegati tal-Kunsill Lokali.

6.2 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li twettaq mis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon minn kemm ilu hu fil-kariga, jiġifieri minn April 2013 u qal li s-Segretarju jista' jieħu sa 10% bħala *performance bonus.*

6.2.1 Qal li 5% ta' dan il-*performance bonus* iridu jingħataw bil-liġi filwaqt li l-5% l-oħra jingħataw skont id-diskrezzjoni tal-Kunsill Lokali.

6.2.2 Wara evalwazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri, il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon għandu jieħu l-10% *performance bonus* fuq is-sena 2013.

6.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-ħidma tal-Assistent Prinċipal Stephania Grixti.

6.3.1 Spjega kif il-ħidma tal-Assistent Prinċipal kienet diskussa u evalwata għas-sena 2013 u qal li b'kollox Stephania Grixti tista' tieħu sa 6% bħala *performance bonus;* 3% bil-liġi u 3% li jkunu għad-diskrezzjoni tal-Kunsill Lokali.

6.3.2 Wara evalwazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri, il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li l-Assistent Prinċipal Stephania Grixti għandha tieħu s-6% *performance bonus* fuq is-sena 2013.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.4 Is-Sindku għadda biex jitkellem dwar il-ħidma tal-Iskrivana Stephanie Caruana.

6.4.1 Qal li l-ħidma tal-Iskrivana kienet evalwata u diskussa, kif ukoll spejga li Stephanie Caruana tista' tieħu sa massimu ta' 3% bħala *performance bonus*; 1.5% bil-liġi u 1.5% oħra li huma taħt id-diskrezzjoni tal-Kunsill Lokali.

6.4.2 Wara evalwazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri, l-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li l-Iskrivana Stephanie Caruana għandha tieħu t-3% *performance bonus* fuq is-sena 2013.

## 7. LAQGĦA TAL-LOKALITA' 2014

7.1 Is-Sindku qal li wasal iż-żmien fejn issir il-laqgħa tal-lokalita' għas-sena 2014.

7.2 Spjega kif għal din il-laqgħa r-residenti Qrendin li isimhom jidhru fl-aħħar reġistru elettorali jistgħu jattendu kif ukoll jgħaddu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom lill-Kunsill Lokali.

7.2.1 Qal li f'din il-laqgħa jsir rapport amministrattiv min-naħa tas-Sindku kif ukoll isir rapport finanzjarju min-naħa tas-Segretarju Eżekuttiv.

7.3 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar it-Tnejn 17 ta' Frar fis-6:30pm.

## 8. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

8.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar l-Ambaxxatur tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

8.1.1 Qal li s-Sinjorina Kimberly D'Amato se tkun qiegħda ttemm it-terminu tagħha minn ambaxxatriċi tal-lokalita' fl-aħħar ta' Marzu 2014 u dan minħabba li matul dan ix-xahar hija tagħlaq 18-il sena.

8.1.2 Spjega kif il-Kunsill Lokali se jerġa' joħroġ il-poster fil-ħwienet kif ukoll sejħa fuq il-paġna tal-Kunsill Lokali fuq FB sabiex naraw min huwa interessat li jkun ambaxxatur tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

8.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-laqgħa taż-żoni turistiċi kemm nazzjonali kif ukoll reġjonali u spjega x'ġie diskuss f'din il-laqgħa.

8.2.1 Spjega kif bħala Kunsill Lokali ninsabu membri fil-Kumitat Reġjonali tan-Nofsinhar flimkien mal-lokalitajiet ta' Birżebbuġa, Wied il-Għajn u Marsaxlokk.

8.2.2 Qal li l-uniku problema li għandu l-Kunsill Lokali quddiemu hi li jrid isib persuni li jirrappreżentaw lis-soċjeta' kummerċjali tal-lokali, jiġifieri ta' Wied iż-Żurrieq.

8.2.3 Qal li fil-preżent m'għandniex rappreżentant fuq ir-ristoranti imma qegħdin nippruvaw li jkollna rappreżentant bħalma għandhom irħula oħra.

8.3 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-Perit Anthony Bezzina dwar proġetti li l-Kunsill Lokali jista' japplika għalihom fil-futur.

8.3.1 Qal li fil-preżent qegħdin niddiskutu dwar il-misraħ li hemm quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena kif ukoll fuq Triq Sant'Anna.

8.3.2 Żied li se nkunu qegħdin napplikaw mal-MEPA għall-permessi sabiex malli joħorġu s-sejħiet għall-fondi nkunu nistgħu napplikaw mill-ewwel.

8.3.3 Spejga kif mal-Perit kien hemm diskussjoni wiesa' dwar iż-żewġ proġetti u fuq il-proġett li qiegħed ikun ippjanat li jsir quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena ssemmew ukoll toroq oħra li jinsabu fil-viċinanzi.

8.4 Is-Sindku tkellem dwar applikazzjoni li se tkun qiegħda tiddaħħal quddiem il-MEPA sabiex jiġu rranġati l-bandli ta' raħalna.

8.4.1 Qal li ż-żewġ bandli li għandna fil-lokalita'; kemm dawk ta' Ġnien Nicolo' Communet kif ukoll dawk tal-Ġnien tal-Warda waslu biex jinbidlu u allura

se nkunu qegħdin nagħmlu dak kollu possibli sabiex anke nakkwistaw fondi f'dan ir-rigward.

8.5 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 313 u l-*Public Private Partnership* u qal lix-xogħol kważi lest 100% u fadal l-aħħar irtokki kif ukoll l-afforestazzjoni ta' Triq Ħaġar Qim.

8.5.1 Spjega kif instab benefattur prospettiv li jista'jgħin lill-Kunsill Lokali sabiex jiġu mħawwla siġar u pjanti indiġeni u endemiċi f'din it-triq ħalli fl-aħħar l-proġett ikun komplut.

8.5.2 Semma' wkoll iż-żona ta' Għajn ix-Xemx li tagħti lejn iż-Żelliqat u qal li anke din l-akwata se nkunu qegħdin nieħdu ħsiebha.

8.5.3 Spjega kif f'din iż-żona trid tiżdied il-ħamrija u jistgħu jiġu mħawwlin arbuxelli f'din l-akwata.

8.5.4 Il-Kunsill Lokali jista' bħala apprezzament ipoġġi riklam tal-benefattur mas-*safety barriers* tal-ħadid li hemm fi Triq Ħaġar Qim

8.6 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-publikazzjoni li se tinħareġ dwar ir-raħal tal-Qrendi u tkellem ukoll fuq il-livell ta' din il-pubblikazzjoni.

8.6.1 Qal li ltqajna ma' min qiegħed jieħu ħsieb din il-publikazzjoni u għamilnieha ċara li m'aħniex kuntenti b'dak li qiegħed jiġi fformulat u qegħdin nistennew li issa jiġi lura b'xi ħaġa ħafna aħjar minn dak li tana s'issa.

8.7 Is-Sindku tkellem dwar il-korsijiet provduti mill-Kunsill Lokali.

8.7.1 Qal li wasal iż-żmien li għal dawn il-korsijiet jibda jkun hemm l-għajnuna tas-sotto-kumitat tan-nisa, liema sotto-kumitat tieħu ħsiebu l-Kunsillier Olympia Sant.

8.7.2 Qal li dan is-sotto-kumitat jista' jgħin b'mod speċjali fil-laqgħa li se ssir tal-iSmart Computers fejn ikun ideali jekk inħarsu l-aktar lejn il-ġenituri li għad għandhom tfal li għadhom qegħdin jikbru u jużaw l-internet.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

8.7.3 Spjega kif tkun ideali li apparti laqgħa għall-ġenituri, ssir ukoll waħda għat-tfal u ż-żgħażagħ fuq dan is-suġġett.

8.8 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-kors tal-*Aeorbics*.

8.8.1 Qal li mill-informazzjoni li għandu dan il-kors jista' jinbeda, jkun ta' 10 sessjonijiet u jitħallsu €2 għal kull sessjoni.

8.8.2 Qal li għal dan il-kors kulħadd jista' jattendi, mhux bilfors min għandu piż żejjed u se jkunu qegħdin jintbagħtu persuni apposta mill-Kunsill Malti għall-Isport.

8.8.3 Spjega kif min-naħa tal-Kunsill Lokali rridu naraw liema persuni jixtiequ jattendu għal dan il-kors kif ukoll nikkonfermaw lil dawk li diġa' applikaw għall-kors simili aktar qabel.

8.8.4 Qal li issa wasal iż-żmien li noħorġu b'data u ħin meta se jibda dan il-kors kif ukoll inkellmu lis-Surmast tal-Iskola Primarja sabiex nagħmlu użu mis-sala tal-iskola.

8.9 Is-Sindku tkellem dwar il-kors tal-Monasteru u qal li minn dak li jidher, dawn ma rnexxilhomx ilestu l-kors sal-aħħar ta' Diċembru 2013 kif kien pjanat.

8.9.1 Qal li hu min-naħa tiegħu diġa' tkellem mas-Sur Mario Azzopardi sabiex dan il-kors ikun inkluż fil-programm tal-*Lifelong Learning* u jkun imniżżel li jsir fir-raħal tal-Qrendi.

8.9.2 Qal li s-Sur Azzopardi nfurmah li għandu jkellmu qrib il-bidu tax-xahar ta' Mejju sabiex dan il-kors tal-Monasteru jkun inkluż ukoll.

8.10 Is-Sindku tkellem dwar is-sessjonijiet dwar is-saħħa u qal li dawn iridu jsiru filgħodu bejn l-10:30am u 12pm.

8.11 Is-Sindku tkellem dwar il-prassi li għandu jibda juża' l-Kunsill Lokali meta jiġi xi ħadd nieqes.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

8.11.1 Qal li jrid ikun hemm distinzjoni bejn dawk il-persuni li jkunu jew kienu servew fil-Kunsill Lokali, u l-familjari tagħhom.

8.11.2 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li kieku tkun ideali jekk jintbagħat bukkett fjuri anke meta jiġu nieqsa familjari imma spjega kif dan jista' joħloq preċedent.

8.11.3 Qal li hu tal-opinjoni li għallinqas għandu jingħata bukkett fjuri meta jiġi nieqes xi ħadd li jkun qiegħed iservi jew inkella serva fil-Kunsill Lokali.

8.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* dwar:

8.11.4.1 i. Meta ex-Kunsillier jew Kunsillier fil-kariga jiġi nieqes, il-Kunsill Lokali għandu jieħu ħsieb li jingħata bukkett fjuri jew kuruna tar-rand bħala rispett għas-servizz mogħti lir-raħal tal-Qrendi.

8.11.4.2 ii. Il-bandiera tal-Kunsill Lokali, kemm dik li tittella' fir-*roundabout* kif ukoll il-bandiera ta' fuq il-binja tal-Kunsill Lokali, għandhom jittajjru mezz'asta sa dakinhar tal-funeral meta ex-Kunsillier jew Kunsillier fil-kariga jiġi nieqes.

8.12 Is-Sindku tkellem dwar iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum taż-Żurrieq.

8.12.1 Qal li bħala Kunsill Lokali rridu nħeġġu aktar anzjani jżuru dan iċ-Ċentru minħabba li jidher li f'dawn l-aħħar xhur in-nies tal-Qrendi naqsu xi ftit milli jikkonkorru.

8.13 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq lista ta' apparat li m'għadux jintuża' mill-Kunsill Lokali u li llum jew huwa bil-ħsara jew inkella l-użu tiegħu m'għadux sostenibbli.

8.13.1 Qal li dan l-apparat jinkludi 2 printers kif ukoll monitor.

8.13.2 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li dan l-apparat għandu jitneħħa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

9. **FINANZI**

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €24,368.65c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 01/14 u €39.48c skont il-*Petty Cash* Ref Q/12.

9.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

9.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con*.

10. **AĠĠORNAMENT**

10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 17 ta' Frar 2013 fil-5pm.

10.2 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* dwar il-ħin ta' din il-laqgħa.

________________________ ________________________

**Chris Falzon** — **Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri** — **Sindku**